## Awtorità ta' Tmexxija (Żvilupp Rurali)
## Netwerk Rurali Nazzjonali Malti

# Laqgħa ta' Konsultazzjoni fuq il-futur tal-PAK: Politika tal-Iżvilupp Rurali

**11 ta' Mejju 2010** **Corinthia Palace Hotel, Ħal Balzan**

## Workshop B

Il-politika tal-iżvilupp rurali ta' l-Unjoni Ewropea fil-preżent tgħin fil-kompettitivita tal-agrikoltura, l-użu sostenibli tar-riżorsi naturali, il-ħarsien tal-abitat naturali u l-kampanja rurali, u l-iżvilupp bilanċjat taż-żoni rurali. Dawn l-għanijiet huma relatati mal-prioritatjiet tal-UE; it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, protezzjoni tal-ambjent u l-integrazzjoni soċjali u koeżjoni territorjali.

L-agrikoltura u ż-żoni rurali fl-Ewropa ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Għaldaqstant il-PAK trid tkun imsejsa sabiex tiffaċja dwn l-isfidi fil-futur. Dawn jinkludu l-kompetizzjoni agressiva li l-agrikoltura qed tiffaċċja minħabba l-liberalizazzjoni tas-swieq internazzjonali u ż-żieda fiċ-ċaqliq tal-prezzijiet (*price volatility*), pressjoni fuq ir-riżorsi naturali minħabba ż-żieda fid-domanda għall-ikel, l-għalf u l-enerġija, kif ukoll it-tibdil fil-klima, tibdil fl-użu u l-abbandun tal-art, u t-tibdil fid-demografija u żvilupp soċjo-ekonomiku ta' ċertu żoni rurali.

Fil-preżent, wara li joħorġu r-regolament u l-linji gwida tal-UE issir pjan strateġiku nazzjonali skont is-sitwazzjoni partikolari tal-pajjiż u fuq dan il-pjan jiġi mfassal il-programm nazzjonali. Il-programm nazzjonali huwa mqassam f'4 assi li jinkludu fihom set ta' miżuri differenti skont il-ħtieġa tal-pajjiż. Dawn il-miżuri huma meħuda minn lista komuni għall-pajjiżi membri kollha. Il-*Common Monitoring and Evaluation Framework* jissorvelja u jevalwa r-riżultati milħuqa u l-impatt li għandha din il-politika.

**Mistoqsijiet għall-waqt il-workshop (B)**

**Kif il-politika rurali tista tkun aktar effettiva?**

1. X'importanza għandu jkollu l-iżvilupp rurali, fil-Politika Agrikola Komuni tal-futur u fil-policies l-oħra tal-UE, sabiex tkun ta' kontribut sostanzjali għall-prijoritajiet futuri tal-UE?
   a. Tħossu li l-iżvilupp rurali huwa importanti? Jekk iva, kif?
   b. Taħseb li għandu jkun hemm aktar fondi allokati għall-iżvilupp rurali, anke jekk dawn il-fondi jiġu mill-ewwel pilastru tal-PAK?
   c. Taħseb li l-iżvilupp rurali jista jgħin sabiex jintlaħqu l-prioritajiet tal-UE, speċjalment tas-sostenibilità, l-użu ta' sorsi rinnovabli ta' enerġija, il-ħarsien tal-ambjent, id-domanda għall-ikel u għalf, tibdil fil-klima eċċ...? Semmu eżempji ta' kif dan jista jintlaħaq?

2. Mill-esperjenza li għandna s' issa, taħseb li s-sett ta' miżuri li għandna bħalissa jindirizzaw b'mod effettiv il-prioritajiet identifikati mill-UE? X'rwol għandu jkollu l-LEADER fil-futur?
   a. Taħseb li l-miżuri offruti taħt il-programm kurrenti huma biżżejjed u diretti skont il-bżonnijiet tal-pajjiż?
   b. X'miżuri jistgħu jiġu mfassla sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet rurali tal-pajjiż u jintlaħqu l-prioritajiet tal-UE?

3. X'rwol għandu jkollu l-LEADER fil-futur?
   a. Taħseb li l-GALs għandhom ikollhom sehem aktar importanti fit-tmexxija?